# It-Tielet Ħadd tar-Randan

## Qari I

*Agħtina ilma x'nixorbu.*

Eż 17, 3-7

**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**

F'dak iż-żmien, [3]il-poplu qabdu l-għatx, u gemgem kontra Mosè u
qal: «Għalfejn tellajtna hawn mill-Eġittu biex toqtol lilna, lil uliedna
u lill-bhejjem tagħna bil-għatx?»

[4]Mosè għajjat quddiem il-Mulej u qal: «X'se nagħmel lil dan
il-poplu? Ftit ieħor u jħaġġruni.»

[5]Il-Mulej qal lil Mosè: «Għaddi minn quddiem il-poplu, u ħu
miegħek xi wħud mix-xjuħ ta' Iżrael. Ħu f'idejk il-ħatar li bih
kont drabt ix-xmara tan-Nil, u mur. [6]Arani, jien noqgħod hemm
quddiemek, fuq il-blat f'Ħoreb; u int aħbat il-blat u toħroġ minnu
l-ilma, u jixrob il-poplu.»

U Mosè għamel hekk quddiem ix-xjuħ ta' Iżrael. [7]U l-post semmewh
Massa u Meriba, għax hemm tlewmu wlied Iżrael u ġarrbu
lill-Mulej meta qalu: «Il-Mulej fostna jew le?»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9

R/. (8): Illum jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom

1 Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena lill-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
2 Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ. R/.

6 Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
7 Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. R/.

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
8 «La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
9 meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.» R/.

# Qari II

*L-Imħabba ssawbet fina permezz ta' l-Ispirtu mogħti lilna.*

Rum 5, 1-2.5-8

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [1]issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla
permezz ta' Sidna Ġesù Kristu; [2]permezz tiegħu għandna d-dħul
bil-fidi għal din il-grazzja li fiha qegħdin. Aħna niftaħru bit-tama li
għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla.

[5]U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi
qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.

[6]Mela, meta aħna konna bla saħħa, Kristu, meta wasal iż-żmien,
miet għall-ħżiena. [7]Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb, għad li
wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż.
[8]Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li
konna għadna midinbin.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ara Ġw 4, 42.15

R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Mulej, inti tassew is-Salvatur tad-dinja:
agħtini l-ilma tal-ħajja, biex ma jaqbadnix l-għatx.
R/. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

# Evanġelju

*Għajn ta' ilma li jnixxi sal-ħajja ta' dejjem.*

Ġw 4, 5-42

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, 5Ġesù ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar, qrib
il-biċċa art li Ġakobb kien ta lil ibnu Ġużeppi, 6fejn kien hemm ukoll
il-bir ta' Ġakobb. Kien għall-ħabta tas-sitt siegħa, u Ġesù, għajjien kif
kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir. 7U ġiet mara
mis-Samarija timla l-ilma. Ġesù qalilha:«Agħtini nixrob.» 8Id-dixxipli
tiegħu kienu marru l-belt jixtru x'jieklu. Il-mara mis-Samarija qaltlu:
«Kif! Inti Lhudi u titlob lili, Samaritana, biex nagħtik tixrob?» 9Qaltlu
hekk għax il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani.

10Ġesù weġibha: «Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li
qiegħed jgħidlek: "Agħtini nixrob," kieku int kont titolbu, u hu kien
jagħtik ilma ħaj.» 11Qaltlu l-mara: «Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj
jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond? 12Jaqaw int
aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir, li minnu xorob hu u
wliedu u l-imrieħel tiegħu?»

13Weġibha Ġesù: «Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih
l-għatx; 14imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun
bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn ta' l-ilma li jwassal
sal-ħajja ta' dejjem.» 15Qaltlu l-mara: «Agħtini dan l-ilma, Sinjur, biex
ma jaqbadnix l-għatx, u anqas ma noqgħod ġejja u sejra hawn nimla
l-ilma.» 16Qalilha Ġesù: «Mur sejjaħ lil żewġek u erġa' ejja hawn.»
17Weġbitu l-mara: «Ma għandix żewġi.» Qalilha Ġesù: «Sewwa għedt:
"Ma għandix żewġi." 18Inti żżewwiġt ħames darbiet, u r-raġel li
għandek miegħek bħalissa m'huwiex żewġek. Sewwa weġibt!»

19Qaltlu l-mara: «Int profeta, Sinjur, milli qiegħda nara. 20Missirijietna
kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li

l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalemm.»
21Qalilha Ġesù: «Emminni, mara, jiġi żmien meta mhux fuq din
il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm. 22Intom
taduraw lil dak li ma tafux; aħna naduraw lil dak li nafu, għax
is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud. 23Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta
dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u
fil-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh.
24Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh
fl-ispirtu u fil-verità.» 25Qaltlu l-mara: «Jiena naf li ġej il-Messija
– dak li jgħidulu Kristu. Meta jiġi hu, kollox iħabbrilna.» 26Qalilha
Ġesù: «Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek.»

27Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu, u stagħġbu jarawh jitkellem ma'
mara; iżda ħadd minnhom ma staqsieh: «Xi trid?» jew: «Għax
qiegħed titkellem magħha?» 28Il-mara ħalliet il-ġarra hemmhekk,
reġgħet daħlet il-belt u qalet lin-nies: 29«Ejjew araw bniedem li qalli
kull ma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?» 30U n-nies ħarġu mill-belt u
ġew ħdejh.

31Sadattant id-dixxipli bdew jitolbuh u jgħidulu: «Rabbi, kul!» 32Iżda
hu qalilhom: «Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih.»
33Id-dixxipli għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin: «Jaqaw ġie xi ħadd
u ġieblu x'jiekol?» 34Qalilhom Ġesù: «L-ikel tiegħi hu li nagħmel
ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu.
35Intom ma tgħidux li baqa' erba' xhur oħra għall-ħsad? Imma araw
x'ngħidilkom jien: erfgħu għajnejkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi
bjadu għall-ħsad! 36Ġa l-ħassad qiegħed jieħu ħlasu u jiġbor il-frott
għall-ħajja ta' dejjem, biex min jiżra' jifraħ hu wkoll bħal min jaħsad.
37F'dan taraw kemm sewwa jingħad li wieħed jiżra' u l-ieħor jaħsad.
38Jiena bgħattkom taħsdu dak li ma tħabattux għalih intom; kienu
oħrajn li tħabtu, u intom dħaltu flokhom biex tgawdu l-frott
tat-taħbit tagħhom.»

39Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù
fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom: «Qalli kull ma
għamilt,» 40tant, li meta s-Samaritani ġew ħdejh, bdew jitolbuh
biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn. 41Imbagħad
ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu, 42u lill-mara qalulha: «Issa
mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll
smajnieh, u sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur tad-dinja.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Għajn ta' ilma li jnixxi sal-ħajja ta' dejjem.***

Ġw 4, 5-15.19b-26.39a.40-42

### ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

F'dak iż-żmien, 5Ġesù ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar, qrib
il-biċċa art li Ġakobb kien ta lil ibnu Ġużeppi, 6fejn kien hemm ukoll
il-bir ta' Ġakobb. Kien għall-ħabta tas-sitt siegħa, u Ġesù, għajjien
kif kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir. 7U ġiet mara
mis-Samarija timla l-ilma. Ġesù qalilha: «Agħtini nixrob.»
8Id-dixxipli tiegħu kienu marru l-belt jixtru x'jieklu. Il-mara
mis-Samarija qaltlu: «Kif! Inti Lhudi u titlob lili, Samaritana,
biex nagħtik tixrob?» 9Qaltlu hekk għax il-Lhud ma jitħalltux
mas-Samaritani.

10Ġesù weġibha: «Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li
qiegħed jgħidlek: "Agħtini nixrob," kieku int kont titolbu, u hu
kien jagħtik ilma ħaj.» 11Qaltlu l-mara: «Sinjur, mnejn se ġġib
l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma għandek u l-bir huwa fond?

[12]Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir, li minnu
xorob hu u wliedu u l-imrieħel tiegħu?» [13]Weġibha Ġesù: «Kull min
jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx; [14]imma min jixrob
mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih
jien isir fih għajn ta' l-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem.» [15]Qaltlu
l-mara: «Agħtini dan l-ilma, Sinjur, biex ma jaqbadnix l-għatx, u
anqas ma noqgħod ġejja u sejra hawn nimla l-ilma. [19]Int profeta,
Sinjur, milli qiegħda nara. [20]Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq
din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu
jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalemm.»

[21]Qalilha Ġesù: «Emminni, mara, jiġi żmien meta mhux fuq din
il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm. [22]Intom
taduraw lil dak li ma tafux; aħna naduraw lil dak li nafu, għax
is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud. [23]Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta
dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u
fil-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh.
[24]Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh
fl-ispirtu u fil-verità.» [25]Qaltlu l-mara: «Jiena naf li ġej il-Messija
– dak li jgħidulu Kristu. Meta jiġi hu, kollox iħabbrilna.» [26]Qalilha
Ġesù: «Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek.»

[39]Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù
fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara [40]tant, li meta ġew ħdejh,
bdew jitolbuh biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn.
[41]Imbagħad ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu, [42]u lill-mara
qalulha: «Issa mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma
għax aħna wkoll smajnieh, u sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur
tad-dinja.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu